

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDEZZJONIJIET

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDEZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

ta' 18 ta' Mejju 2018

lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Lietuvos bankas

(BĊE/2018/15)

(2018/C 181/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali tal-Lietuvos bankas, UAB Pricewaterhouse Coopers, intemm wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2017. Huwa għalhekk meħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2018.
- (3) Lietuvos bankas għażel lil UAB Deloitte Lietuva bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2018 sa 2021,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

Huwa rakkomandat illi UAB Deloitte Lietuva jinħatru bħala l-awdituri esterni ta' Lietuvos bankas għas-snin finanzjarji 2018 sa 2021.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-18 ta' Mejju 2018.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI
